**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 1236/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Samuel Mamo**

Illum it-18 ta' Jannar 2020

Il Qorti:

Rat li tressaq lil Samuel Mamo iben Simon u Rowena xebba Busieta, imwieled Zabbar nhar is-26 ta' Awwissu 1995, resident gewwa Les Chavalier, Triq Jean Houel, Naxxar u detentur ta' karata ta' l-identita' bin-numru 407695(M).

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Awwissu 2014 gahll-habta ta' 01:30 am, fi Triq Andrea Debono, Naxxar u f'dawn il-gzejjer.

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nugqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Gianluca Vassallo u dan bi ksur ta' artikolu 226 (1) (a) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u čirkostanzi, b'nugqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt offizi ta natura hafifa fuq il- persuna ta' Anna Gatt u dan bi ksur ta' artikolu 226 (1) (c) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta'' Malta.

3. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u čirkostanzi, b'nugqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta'Regolamenti, involontarjament ikkagunajt offizi ta natura hafifa fuq il- persuna ta' Matthias Borg Ballucci u dan bi ksur ta' artikolu 226 (1)(c) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl- istess data, lok, hinu čirkostanzi, b'nuqgas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta tharis ta' regolamenti, involontarjament ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt vettura b' numru tar- reġistrazzjoni ANN-617 ta 1- ghamla Mini ghad- detriment ta' Anna Gatt u vettura b' numru tar-

registrazzjoni HQZ-005 ta - ghamla Toyota, ghad- detriment ta' Patrick Xuereb, u dan bi ksur ta' artikolu 328 (d) tal- Kap 9 tal- Liğijiet ta Malta.

5. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u ċirkostanzi, ipprovajt issuq jew kellek l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra fit- triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi, u dan bi ksur ta' l-artikolu 15A, tal-Kap 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl- istess data, lok, hinu ċirkostanzi, soqt vettura numru ROW-004 ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero, minghajr il- kunsens tas- sid taghha, u dan bi ksur ta' l-artikolu 40, tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u čirkostanzi, soqt vettura numru ROW-004 ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero, minghajr licenza tas- sewqan u dan bi ksur ta' l-artikolu 15 (1) (a), tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

8. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura numru ROW-004 ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero, b'manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur ta' artikolu 15 (1) (a), tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

9. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u čirkostanzi soqt vettura numru ROW-004 ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero , liema ghall-użu ta' istess vettura minnek, ma kinitx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji

ta' terzi persuni u dan bi ksur ta' artikolu 3, tal-Kap 104 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu, jew li jikseb licenzja tas-sewqan , ghaz-zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, sar l-ezami ta' l-imputat fejn wiegeb li mhuwiex hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tas-17 t'Ottubru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja[4]:

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-13 ta' Novembru 2018.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-29 ta' Settembru 2020.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

---

[1] Folio 28 ta' l-atti processwali
[2] Folio 427-429 ta' l-atti processwali
[3] Folio 116 ta' l-atti processwali
[4] Folio 16 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar is-16 ta' Awissu 2014 matul il-lejl meta kienet sehhet kollizjoni stradali bejn tlett vetturi. Mill-istharrig tal-pulizija irrizulta li fil-bypass tal-Gharghur kien hemm zewg vetturi isuqu fid-direzzjoni lejn in-Naxxar u f'daqqa wahda giet vettura ohra misjuqa mill-imputat mid-direzzjoni opposta u dahlet fl-ewwel wahda mill-vetturi li kienet van u imbaghad dahlet ukoll got-tieni wahda u kkaguna griehi lill-persuni f'dawk il-vetturi kif ukoll hsara fl-istess vetturi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2015 xehed **PS 950 Alan Buhagiar**, stazzjonat fl-ghassa tan-Naxxar li spjega kif nhar is-16 t'Awwissu 2014 ghall-habta tas-01:45hrs kien ghaddej fuq ronda mill-*bypass* ta' Hal-Gharghur u nnota li kienet ghadha kif

sehhet habta. Ix-xhud kopla jispjega kif il-habta kienet tidher li hija wahda kerha. L-ewwel haga li ghamel kienet li sejjah ghall-ambulanza u wara hejja r-rapport relattiv inkluz l-iskizz li huwa kkonferma bil-gurament.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Luke Bonello**, stazzjonat fl-ghassa ta' Birkirkara li stqarr li nhar is-16 t'Awwissu 2014 ghall-habta tas-02:00hrs gie nfurmat minn PS 950 Alan Buhagiar li kien sehh incident li jinvolvi tliet vetturi u li huwa kien talab ghall-assistenza medika u tal-Protezzjoni Civili. Ix-xhud acceda fuq il-post fejn irrizulta li l-vetturi nvoluti kienu Mini ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni ANN 617 misjuqa minn certu Ann Gatt, detentrici tal-karta tal-identita` 103659M, kif ukoll van tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 005 misjuq minn Gianluca Vassallo, detentur tal-karta tal-identita` 556590M kif ukoll vettura tat-tip Mitsubishi Pajero ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni ROW 004 misjuq minn Samuel Mamo, detentur tal-karta tal-identita` 407695M. Fuq il-post kien acceda t-Tabib Dr Michael Spiteri li kien iccertifika li Gianluca Vassallo kien fil-periklu tal-mewt u dan ittiehed immedjatament l-isptar ghal aktar interventi. Minn aktar stharrig irrizulta li Samuel Mamo li kien qed isuq il-karozza t'ommu Rowena Mamo u li ma kellux licenzja tas-sewqan. Fuq dan il-kaz kienet giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa li mexxiet l-inkjesta u hatret diversi esperti in konnessjoni.

Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2015 xehdet **Ann Gatt**, li minn naha taghha spjegat li fil-lejl tal-incident ghall-habta tas-01:30hrs hija kienet qed issuq minn naha tal-Salina sejra lejn Hal Gharghur u kien hemm traffiku konsiderevoli u allura kienet qed issuq bil-moghod hafna. Fir-rigward tal-karozza tat-tip Pajero bajda li giet minn naha opposta, ix-xhuq stqarret li din kienet gewwa mghaggla hafna tant li kull ma rat kienet il-karozza bajda diehla ghal go taghha, ghalqet ghajnejha u wara ma tiftakar xejn ghajr li hasset daqqa lejn quddiem tal-karozza fuq in-naha tax-xufier. Bhala rizultat tal-incident il-karozza tax-xhud spiccat *write-off* tant li ma setghatx tohrog minnha b'mod normali u hija sofriet xi

tbengil izda xorta ttiehdet l-Isptar Mater Dei. Tifkarar li meta harget mill-karozza taghha rat karozza tat-tip Pajero li kellha hsarat kbar hafna u taf li x-xufier tal-karozza li kienet quddiemha spicca fl-ambulanza. Ix-xhud spjegat illi hija thallset mill-assigurazzjoni taghha ghat-telf tal-karozza minhabba li din kienet inxurjata fully comprehensive izda kien hemm xi tnaqqis minhabba li l-karozza kienet ilha barra sena. Ix-xhud regghat hadet il-pedana in kontro-ezami waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 fejn hija stqarret illi ghalkemm thallset minghand l-assikurazzjoni, ma inghatatx il-valur kollu tal-karozza u kellha taghmel hlas addizzjonali sabiex tixtri wahda gdida. Mill-bqija, ma sofrietx griehi permanenti mill-incident u kienet f'pozizzjoni li tahfer lill-imputat.

Fl-istess seduta xehed **Cedric Selafia** li spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Group Leader mal-Iscouts tal-Hamrun. Huwa spjega li dakinhar tal-incident kienu qed jirritonaw minn camping fix-Xemxija. Il-vettura involuta fl-incident kienet qed tinstaq minn Gianluca Vassallo, ukoll Group Leader, u passiggier mieghu kien hemm Matthias Borg Ballucci. Ix-xhud kien qed isuq il-karozza tieghu li ma kinitx involuta fl-incident. Apparti l-passiggieri, fil-vetturi kien qed jingarr ghadd ta' appartat tal-Iscouts li jinkludi kenuri u *fire extinguishers*. Il-vettura li kienet involuta fl-incident hija ta' wiehed mill-genituri tal-Iscouts u kienet qed tintuza bill-permess tieghu. Fir-rigward tal-accident, ix-xhud spjega li minhabba li huwa kien lura fil-fila ta' karozzi, ma rax l-incident isehh izda sema hoss kbir u ra dahna. Ra li kien hemm vann minn tal-Iscouts involut u warajh vettura Mini li s-sewwieqa taghha kient vizibbilment taht xokk. Il-vettura misjuqa minn Gianluca Vassallo kellha daqqa konsiderevoli. Kien jidher ukoll li Vassallo kien mitluf minn sensih minhabba li bediex jirrispondi meta mitkellem u Matthias Borg Ballucci kien taht xokk. Ix-xhud jitakar li f'dak il-hin, l-imputat, li huwa gharaf fl-awla, beda jghid li l-incident kien gara b'tort tieghu. Fir-rigward tal-apparat li kien hemm fil-vann, ix-xhud spjega li dan

kien sofra hsara ammontanti madwar €4,000 u kien gie avvicinat mill-assikuratur tal-imputat. Gharaf li d-dokument a fol. 40 huwa stima tal-valuri tal-apparat danneggjat.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr Mario Scerri**, espert inkarigat mil-Qorti, li wara li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu, spjega li bhala rizultat tal-incident de quo, garrbu xi griehi l-imputat Samuel Mamo, Ann Gatt, Matthias Borg Ballucci u Gianluca Vassallo. Samuel Mamo li kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni ROW 004, garrab frattura tal-ghadma tal-imnieher li hija lezjoni ta' natura gravi per durata. Ann Gatt li kienet qieghda ssuq il-vettura ANN 617 ilmentat minn ugigh fuq sidirha, kellha tbengil fuq idha x-xellugija. Matthias Borg Ballucci li kien fil-karozza mikrija lil Gianluca Vassallo kellu lezjonijiet ta' natura hafifa. Mill-banda l-ohra, Gianluca Vassallo garrab lezjonijiet fil-fwied, fl-*adrenals*, fil-pulmun u fil-pelvis u dawn il-lezjonijiet huma lezjonijiet ta' natura gravi per durata u kompatibbli ma *blunt trauma*. Il-kundizzjoni ta' Gianluca Vassallo baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment meta rcieva t-trattament gie licenzjat mill-Isptar Mater Dei.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Anthony Grima**, membru iehor tal-Iscouts tal-Hamrun. Meta sehh l-incident, huwa kien qed isuq vann iehor li kien mghobbi bl-apparat. Skont ix-xhud, hekk kif kienu telghin it-telgha ta' Birguma bil-mod, kien hemm il-vann misjuq minn Gianluca Vassallo, warajh kien hemm vettura Mini u wara kien hemm il-vann li kien qed isuq huwa stess. Hekk kif qabzu t-tieni roundabout, kien hemm stejg tal-karozza tal-linja u kien f'dak il-punt li seta' jara vettura Pajero bajda taqsam it-triq mill-karreggjata opposta u tahbat fil-vann misjuq minn Vassallo b'impatt qawwi. Ix-xhud ikkonferma li l-Pajero, li kien gej b'velocita` ta' madwar 80km/hr, kien misjuq mill-imputat Samuel Mamo.

B'kollox kien hemm 3 vetturi li kienu nvoluti. Il-vann misjuq minn Gianluca Vassallo kellu hsra kbira tant li spicca b'rota maqlugha u Vassallo kien bhal qisu mitluf minn sensih u ma bediex jirrispondi. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-apparat li kien hemm fil-vann misjuq minn Vassallo tkisser kompletament. Ix-xhud stqarr li jiftakar li wara l-incident, l-imputat beda jghid "sorry, sorry, tort tieghi x'ghamilt b'idejja".

Fl-istess seduta xehed **Matthias Borg Balluci**, li kien riekeb bhala passiggier fuq quddiem fil-vann misjuq minn Gianluca Vassallo. Huwa stqarr li qabel hass id-daqqa, kien rieqed. Hekk kif qam mahsud, l-ewwel haga li lemah kien duhhan hiereg mill-karozza u lil Vassallo mitluq fuq l-*isteering wheel* b'hafna mill-apparat tal-*camping* fuqu. Meta beda jipprova jkellmu, Vassallo ma bediex iwiegeb. Seta jaghraf ukoll lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-karozza li dahlet fihom. Fl-incident huwa sofra qata' u girfa f'irkopptu u ghalkemm kien ittiehed l-Isptar wara l-incident, kien gie licenzjat immedjatament u sa meta ta x-xhieda tieghu kienu, il-griehi kienu fiequ. Ix-xhud rega' ha l-pedana tax-xhieda in kontro-ezami fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2020 fejn ikkonferma li minn naha tieghu ma kien ircieva l-ebda kumpens ghax ma kien garrab l-ebda dannu sinifikanti fl-incident.

Fl-istess seduta xehdet ukoll **Rowena Mamo**, omm l-imputat. Hija kkonfermat li hija sid tal-vettura ROW 004 tat-tip Pajero, lewn abjad. Meta sehh l-incident de quo, hija kienet l-unika persuna li kienet koperta bl-assikurazzjoni tal-vettura. Skont ix-xhud, hija kienet minghaliha li binha l-imputat kien qieghed id-dar jilghab bil-playstation meta sehh l-incident. Intebhet li kien ha l-karozza meta cempel jibki wara l-incident. Hija ma kienitx taf b'okkazjonijiet li kien saq din il-karozza wahdu qabel izda gieli kien saqha meta kien akkumpanjat minnha sabiex jipprattika ghat-test prattiku tas-sewqan li kien ser jaghmel d'qasir zmien. Eslkudiet kategorikament li dakinhar kien ha xi permess

minghandha sabiex juza l-karozza u skont ix-xhud, kien jaf li l-assikurazzjoni ma tkopriehx.

Meta waslet fuq il-lok tal-incident, ix-xhud sabet lil binha qed jibki u jipprova johrog lil Gianluca Vassallo mill-vann tieghu. Ikkonfermat li r-ragel taghha kien qed jiehu hsieb il-hlas ta' kumpens lil terzi li sofrew dannu konsegwenza tal-incident.

Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2015 xehed **Gianluca Vassallo** li kien qed isuq wahda mill-vetturi, ossija vann tat-tip Toyota Lite-Ace, involut fl-incident de quo. Mieghu kellu passiggier lil Matthias Borg Ballucci, membru iehor tal-Iscouts. Il-vann kien jakkomoda tnejn min-nies u wara kellu spazju miftuh li kien mghobbi bl-apparat. Stqarr li kull ma jiftakar mill-incident kien dawl qawwi gej lejh min-naha l-ohra tat-triq u hoss qawwi u xejn aktar. Meta rega' gie f'sensih kien l-Ispar gewwa l-ITU fejn kien dan tlett ijiem rikoverat u wara qatta' gimgha ohra gewwa s-Surgical Ward. Wara kien ghamel zmien fl-Orthopaedic Ward minhabba li kellu ksur fil-pelvis. B'kollox ghamel l-isptar mid-data tal-incident sal-11 ta' Settembru 2015 u sofra hsara permanenti fil-mod kif jimxi. Ix-xhud spjega ukoll li bhala konsegwenza tad-daqqa kbira li qala' f'dahru waqt l-incident, zviluppatlu problema fin-nervituri ta' idejh xellugija li ghaliha ghadu qed jircievi trattament. Ix-xhud rega' ha l-pedana tax-xhieda in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020. Huwa kkonferma li kien thallas kumpens ghad-danni illi huwa sofra u dan wara li rcieva cekk minghand il-kumpannija Elmo Insurance. Stqarr ukoll li ghalkemm il-kondizzjoni tieghu tjiebet hafna, ghadu jbati minn xi effetti tal-griehi li kien garrab.

Fl-istess seduta xehdet **Dr Elizabeth Vassallo**, adetta fl-Isptar Mater Dei bil-Malti li b'referenza ghac-certifikat ezebit a fol. 6 gharfet il-firma taghha fuq l-istess u stqarret li hija kienet invistt lill-pazjent Matthias Borg Ballucci gewwa

d-dipartiment tal-emergenza fejn dan instab li kellu xi ugiegh fin-naha tal-lemin tas-sider u ugiegh fil-galletta tal-irkoppa leminija. Il-griehi gew klassifikati bhala hfief.

Fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 xehed **Stephen Cachia**, ufficjal ta' Transport Malta, fejn b'referenza ghall-vettura ROW 004 jirrizulta li din hija Mitsubishi Pajero ta' kulur abjad, irregistrata fuq Rowena Mamo, detentrici tal-karta tal-identita` numru 468859 M u din il-vettura ilha hekk irregistrata mit-23 ta' Settembru 1997.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr Michael Spiteri**, konsulent fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar Mater Dei, li kkonferma li huwa kien invista lil Gianluca Vassallo wara li dan allegatament kien involut f'incident tat-traffiku. Minn investigazzjonijiet li kienu saru, dan jidher li kellu kontuzjonijiet fuq iz-zewg pulmuni kif ukoll lacerazzjoni tal-fwied bi hrug ta'demm goz-zaqq. Kien hemm ukoll tbengila fuq dik li maghrufa bhala adrenal gland fuq in-naha tal-lemin u kontuzjoni fuq il-kilwa tal-istess naha. Kellu ukoll mill-inqas erba kisriet fil-pelvis u ksur fis-sinsla tad-dahar fil-livell ta' L5. Ix-xhud kien iccertifika li Vassallo kien fil-periklu li jitlef hajtu u kien ghamel zmien rikoverat fit-taqsima tal-kura intensiva.

Fis-seduta tat 13 ta' Novembru 2018 xehed **it-Tabib Dr Neville Borg** adett fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar Mater Dei li b'referenza ghac-certifikat ezebit a fol. 5, huwa gharaf il-firma tieghu fuq l-istess u kkonferma illi huwa kien invista lill-Ann Gatt. Gatt kienet qed issofri minn ugiegh f'ghonqa, fl-i*sternum* kif ukoll minn xi tbengil li kien kompatibbli ma daqqa mal-*isteering wheel* ta' karozza. Madankollu minn *x-rays* u *CT scan* ma kien irrizulta l-ebda ksur. Il-griehi gew klassifikata bhala hfief.

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 xehdet l-ufficjal tal-*probation* **Sharlet Fabri** li stqarret li l-imputat huwa persuna bi trobbija tajba, minghajr passat kriminali u li jahdem u allura ma ssenjalat l-ebdi punti problematici.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

**Il-kwerela tal-parti leza**

Id-difiza ta' l-imputat bhala kunsiderazzjoni legali preliminari tenniet li l-kwerela tal-parte civile u cioe ta' tlett vittmi fl-incident ma tressqux legalment kif rikjest mill-ligi bil-kwerela taghhom stess. Fin-nuqqas ta' kwerela da parti tal-parti leza l-prosekuzzjoni ma kelliex il-bazi legali sabiex tmexxi u tiprosegwi din il-kawza.

Illi l-imputat tressaq skond l-artikolu 226(1)(a) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond l-artikolu 226(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(ċ),il-proċediment jista' jittieħed biss fuq kwerela tal-parti offiża.*

Ghaldaqstant jirrizulta fuq bazi preliminari li l-akkuzi mressqa a bazi ta' l-artikolu 226(1)(a) hija prekluza minn dan ir-rekwizit u l-prosekuzzjoni ma kellhomx bzonn il-kwerela ta' Gianluca Vassallo sabiex jipprocedu.

Din il-Qorti ghalhekk trid tara jekk giex sodisfatt ir-rekwisit tal-kwerela tal-parti offiza fir-rigward ta' Ann Gatt u Matthias Borg Ballucci stante li, fir-rigward taghhom, l-imputat tressaq skond l-artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Il-forma legali ta' kif ghandha ssir kwerela hija stabbilita f'*Taqsima II, Fuq Hwejjeg li Ghandhom X'Jaqsmu ma' xi Procedura u xi Kwazi, Titolu I* tal-Kodici Kriminali.

L-aritkolu 535 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi:

*535.(1) Kull persuna tista' tagħmel denunzja lil uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva ta' reat li tkun ġiet taf bih b'kull mod li jkun, u li għalih il-Pulizija tista' tmexxi ex officio.*

*(2) Iżda l-Pulizija ma tistax timxi fuq rapport jew denunzja anonimi, ħlief fil-każ ta' reat maqbud fil-fatt jew meta r-rapport jew id-denunzja jkollhom x'jaqsmu ma' fatt permanenti. F'kull każ bħal dan, il-Pulizija tista' tipproċedi fuq dak ir-rapport jew denunzja, wara li tiżgura ruħha mill-flagranza tar-reat jew mill-fatt permanenti.*

L-artikolu 536 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Id-denunzjant għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi.*

Illi skond l-artikolu 537 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*Id-denunzja tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub:*

*Iżda, meta d-denunzja ssir bil-fomm, hija għandha, ħlief fil-każijiet li ma jkunux iridu dewmien, titniżżel bil-miktub minnufih u għandha tiġi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jafjikteb, mill-uffiċjal tal-Pulizija li jkun hekk niżżilha bil-miktub.*

L-artikolu 538 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

*Kull persuna li jidhrilha li hi offiża b'reat u tkun trid tagħmel kwerela għall-kundanna tal-ħati, jekk magħruf, jew, jekk mhux magħruf, fil-każ li jinkixef, tista' tagħmel din il-kwerela lil kull uffiċjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra.*

Finalment l-artikolu 539 jghid:

*L-artikoli 536 u 537 igħoddu wkoll għall-kwereli.*

Mill-provi ma jirrizultax li saret kwerela bil-miktub minn Ann Gatt jew Matthias Borg Ballucci. Madankollu jirrizulta li din il-kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill-ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher fl-okkorenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija relattiv. Illi f'din l-okkorenza esebita bhala Current Incident Report tnizzlu d-dettalji ta' dak li rrapurtaw il-kwerelenti Anne Gatt u Matthias Borg Ballucci. Fl-istess rapport jinsab imnizzel l-azzjoni li hadet il-pulizija in segwitu ta' dak li gie rraportat mill-parti leza. Sussegwentement l-informazzjoni li giet mghoddija lil-pulizija ittiehdet u tnizzlet bhala xhieda mill-espert Dr. Mario Buttigieg u fformat parti mill-inkjesta magisterjali.

Ghalkemm fit-tarf ta' kull pagna ta' dan ir-rapport fiha bhala firma u tirirzulta wkoll il-firma tal-Qorti kif kienet diversament preseduta u tad-Deputat Registratru, u fl-ahhar pagna ta' l-okkorenza il-firma ta' PS950 Alan Buhagiar bhala konferma li din il-okkorenza hija vera kopja minn imkien ma jirrizulta li dan ir-rapport gie ffirmat mill-kwerelanti. Fix-xhieda ta' l-istess ufficjali tal-pulizija ma jirrizultax lanqas li l-parti leza gew mitluba sabiex jiffirmaw dan ir-rapport.[5]

Li ma jirrizultax pero' hu li din il-kwerela li tnizzlet mil-pulizija giet b'xi mod jew f'xi stadju ulterjuri ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali.

Illi fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Camilleri**[6] meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ezaminat dan il-punt kienet ikkonkludiet li ghalkemm kwerela tista' ssir bil-fomm, din trid tigi ffirmata mill-kwerelant:

---

[5] Folio 9-21 ta' l-atti processwali

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali, Imhallef Emeritus Dr. Joseph Galea Debono, Deciza nhar it-12 ta' Frar 2009, Appell Kriminali Numru: 275/2008

*'Illi fil-waqt li originarjament dawn ir-reati kienu prosegwibbli mill-Pulizija ex officio, blintroduzzjoni tal- artikolu 283A u bl-emendi introdotti bil-proviso ghall- artikolu 326 (1) talKodici Kriminali, ghar-reati in dizamina, bl-Att XXII tas-sena 2005, ma jista' jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza, f' dan l- kaz ovvjament l-Enemalta Corporation. Hu ovvju ghalhekk li, in vista ta' dawn l-emendi, kienet mehtiega l-kwerela talparti offiza biex il-Pulizija setghet tipprocedi kontra l- appellant, f' Mejju, 2006.*

*Illi fl-atti processwali ma hemm ebda kwerela formali bil- miktub iffirmata minn xi ufficjal awtorizzat tal-Enemalta Corporation jew xi avukat ghan-nom taghha. Pero' ma hemmx 20 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 275/2008) 14 dubju li kwerela bil-fomm saret meta Mario Cassar ghamel denunzja verbali lill-Pulizija, liema denunzja tinsab inkorporata bid-dettalji kollha fl-okkorrenza imsemmija. Ma hemmx dubju li l-vot tal-ligi kif indikat fl-artikolu 536 ghal dak li jirrigwarda l-kontenut taddenunzja - w estizi ghall- kwerela bl-artikolu 539 - gie rispettat meta Cassar ghamel iddenunzja tieghu lill-Pulizija, ghaliex l-okkorrenza turi li gew imfissra car il-fatti bl-irqaqat u partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat, li jistabilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min hu l-awtur jew il-komplici fid-delitt. Tant li bhala "Suspect No:1" kien gie proprju indikat l-appellant odjern. Dana kollu gie traskritt fl-okkorrenza. Jirrizulta ukoll li din ilkwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill- ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher flokkorrenza li saret minn PS 1102 Robert Everest. Li ma jirrizultax pero' hu li din il-kwerela giet b' xi mod jew f' xi stadju ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali.*

*Jidher li dan in-nuqqas sfugga ghal kollox lill- Prosekuzzjoni meta wara tant snin w wara li kienet inbidlet il-ligi bl-Att XXII tal-2005, fl-ahharipprezentat c-citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Illi f' dan il-kaz ma hux applikabbli s-subartikolu (5) tal- artikolu 390 ghax il-kawza sa millbidu nett tmexxiet bi procedura sommarja fuq talba tal-Avukat Generali (Fol.4) u ghalhekk ma saritx kumpilazzjoni.*

*Jibqa' pero' jigi konsidrat jekk l-atti processwali jistghux jigu salvati jew sanati blapplikazzjoni tal-proviso ghall- artikolu 373 li jiddisponi li fil-kazijiet li jaqghu taht ilkompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond lart. 370, meta l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali w ma jkunx espressament irrinunzja ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.*

*Ir-risposta ghal dan il-kwezit jaghtiha b' mod car l-artikolu 283A li jghid li ghar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza wkoll meta r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal- Magistrati skond dak li jipprovdi l-artikolu 370 (1) u l-offiz* ***ma jkunx irrinunzja espressament ghall-azzjoni fi zmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat.*** *Dan l-artikolu sahansitra jkompli jghid :-* ***"Iddispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull haga li jinghid fil-proviso ta' l-artikolu 373."*** *(sottolinear ta' din il-Qorti)*

*Ghalhekk jidher li taht kull aspett in-nuqqas tal- prosekuzzjoni li tesigi l-kwerela talKorporazzjoni Enemalta qabel ma pprocediet b' dan il-kaz fit-18 ta' Mejju, 2006, ma jistax jigi sanat u ergo l-proceduri li nbdew kontra l-appellant ma setghux isiru w konsegwentement huma nulli.*

*"Ghalhekk jidher li taht kull aspett in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tesigi l-kwerela tal-Korporazzjoni Enemalta qabel ma pprocediet b'dan il-kaz fit-18 ta' Mejju, 2006, ma jistax jigi sanat u ergo l-proceduri li nbdew kontra l-appellant ma setghux isiru w konsegwentement huma nulli.*

*Ghalhekk l-aggravju tal-appellant jimmerita li jigi milqugh u konsegwentement din il-Qorti ma ghandiex ghalfejn tiddeciedi dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi w l-mertu."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Fava**[7] fejn gie ritenut:

'*Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jghid fl-ewwel lok illi skond l-artikolu 203(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, procediment ghad-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni jittiehed biss bil-kwerela tal-parti offiza. Jirreferi ghall- artikoli 542, 538, 539 u 537 ta' l-istess Kap. 9 u jikkonkludi li fil-kaz odjern il-kwerela hi monka ghax saret mill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi, cioe` minn persuna li mhijiex wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu 542, u ghaliex il-kwerela mhijiex iffirmata mill-genituri ta' N. G. kif tassattivament jirrikjedi l-artikolu 537. L-appellant izid jghid ukoll illi l- kwerela esebita hija kopja u inoltre li l-proceduri kontra l- appellant mhumiex salvabbli taht l-artikolu 373 tal-Kap. 9.*

*Bhalma josserva l-appellant, l-artikolu 539 tal-Kap. 9 jipprovdi li l-artikolu 537 jghodd ukoll ghall-kwereli. L- artikolu 537 jipprovdi li d-denunzja lill-Pulizija, mela anke l-kwerela, tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub. Il-proviso jipprovdi ghal dak li jigri meta persuna tmur ghand il- Pulizija sabiex taghmel denunzja jew kwerela, cioe` li l- Pulizija li lilu l-kwerelant ikun qieghed ikellem, ghandu "hlief fil-kazijiet li ma jkunux iridu dewmien", inizzel bil- miktub minnufih il-kwerela li "ghandha tigi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun hekk nizzilha bil-miktub." Huwa ovvju ghalhekk li kwerela bil-miktub tista' tigi ppreparata u ffirmata mill-avukat tal-kwerelant minghajr ilhtiega li dik il- kwerela miktuba tigi ffirmata wkoll mill-kwerelant. Barra minn hekk, nonostante li giet esebita kopja biss tal-kwerela, jirrizulta li meta D. G., missier il-minorenni, xehed fid-9 ta' Jannar 2002 huwa sostna l-kwerela24. U meta N. G. ottjeniet l-eta` ta' tmintax-il sena fil-mori tal-kawza, fis- seduta tat-12 ta' Settembru 2005 hija sostniet il-kwerela, u baqghet hekk issostniha. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.*'

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Settembru, 2010 (Appell Kriminali Numru: 152/2010)

Illi minn ezami ta' l-atti jirrizulta wkoll li tul il-kumpilazzjoni l-imputat ma talabx, u l-Qorti *ex officio* ma ordnatx il-prova tal-kwerela.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Giuseppe Calleja**[8] fejn saret referenza specifika ghall-artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali.

*Issa f'dan il-kaz f'ebda stadju ma ġiet preżentata xi kwerela f'forma ta' dokument – la da parti tal-minuri u lanqas da parti tal-ġenituri tagħha jew ta' xi ħadd ieħor kif provvdut flArtikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali. Dan il-fatt per se, pero`, ma jfissirx li ma kienx hemm kwerela – ġaladarba l-każ beda quddiem il- Qorti Istruttorja kien applikabbli s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 390 tal-Kap 9 li jipprovdi li* ***"jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx u l-qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-liġi"[9].*** *Fil- fatt minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-atti, minn imkien ma jirriżulta li l- appellant (allura imputat) talab li ssir il-prova tal-kwerela. U minn imkien ma jirriżulta li l-ewwel Qorti ordnat li ssir tali prova. Di piu`, kif tajjeb osservat l- ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, "fil-mument li A għażlet li hija trid tixhed f'dawn il-proċeduri kontra l-imputat u tkellmet mal-Pulizija dwar dak li kien ġara allura kien fid-dover tal-Pulizija li tmexxi kontra l-imputat".'*

Ghaldaqstant l-artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali ma japplikax ghal dan il-kaz odjern stante li l-imputat ma tressaqx b'kumpilazzjoni, izda bi proceduri sommarji wara li l-prosekuzzjoni gabet il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.[10]

Fl-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali jinghad:

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2017 (Appell numru: 453/2013 DS)

[9] Enfazi ta' din il-Qorti

[10] Folio 22 ta' l-atti processwali

*'Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:*

*Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.'*

L-artikolu 543(b) u (d) tal-Kodici Kriminali jghid:

*Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) fil-kaz ta' delitti li ghalihom il-ligi ma tiddisponix espressament li hija mehtiega l-kwerela privata;*

*(b) fil-każ ta' reati li jikkonsistu filli jinġiebu armi ipprojbiti fuq il-persuna jew fil-każ ta' reat kontra l-liġijiet dwar is-sajd, il-vetturi jew id-dgħajjes, inkella dwar arti jew sengħa;*

*(ċ) fil-kai je' reat magħmul kontra persuna li, minħabba xi difett tal-ġisem jew tal-moħħ, ma tkunx tista'tmexxi l-azzjoni kriminali, ukoll jekk ir-reat ikun wieħed li għalih, kieku kien magħmul kontra persuna oħra, kienet tkun meħtieġa l-kwerela privata;*

*(d) fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali;*

*(e) fil-kaat l' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika*

[omissis]

*(f) fil-ka] ta' stupru kif imfisser fl-artikolu 198 ta' dan il-Kodiċi;*

[omissis]

Minn dan l-artikolu, ghalhekk, ma jirrizultax li l-ligi tikkontempla xi ezenzjoni specifika mill-htiega li ssir kwerela bil-forma mehtiega taghha ghar-reat ta' griehi hfief kawzati b'mod involontarju.

Di piu u nonostante dak li nghad hawn fuq il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Edward Dominici Polidano**[11] fejn gie ritenut mill-Qorti:

*Nonostante dan, din il-Qorti tissottolinea li minkejja li jirrizulta kjarament li sabiex jitmexxew il-proceduri, kien hemm il-htiega ta' kwerela u li ghalkemm din setghet tkun bil-fomm, kellha titnizzel bil-miktub u kellha tigi ffirmata, il-legislatur ma provdiex ghall-eventwalita' li dan ma jsirx u cioe' jekk dan iwassalx ghan-nullita' tal-proceduri jew jekk dan in-nuqqas jistax jigi sanat;*

Il-Qorti tosserva wkoll li parti leza hadu sehem attiv fil-proceduri, tant li xehdu fl-inkjesta, fil-Qorti diversi drabi u saru mistoqsijiet lix-xhieda mid-difiza dwar jekk ghadx fadlilhom interess f'dawn il-proceduri. Fil-fatt kien biss fl-ahhar udjenza ghas-smiegh tal-provi tad-difiza u wara li ghaddew numru ta' snin wara li kienu lahqu ssorvolaw il-pendenzi pekunjarji taghhom ma' l-imputat li ddikjaraw li ma ghadx ghandhom xi interess partikolari f'din il-kawza.

Il-fatt li d-difiza emfasizzat hi stess dan in-nuqqas ta' interess mill-parti leza qed tistieden lill-Qorti sabiex tikkunsidra dawn id-dikjarazzjonijiet bhala forma ta' rinunzja ghall-kwerela taghhom minkejja l-fatt li minn imkien ma jirrizulta li hemm rinunzja espressa.

Din il-Qorti hija tal-fehma li mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-parti leza tilfet l-interess fil-proceduri jew li addirittura rrinunzjat ghalihom u di piu', din il-Qorti hija soddisfatta, anke fid-dawl tal-pronunzjamenti hawn fuq citati, li

[11] Qorti tal-Appell Kriminali; Onor Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Deciza 16 ta' Mejju 2019, Appell Nru: 23/2019

hija tista' tkompli tikkunsidra dawk l-imputazzjonijiet li huma legalment prosegwibbli bil-kwerela tal-parti leza.

Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tiddeciedi l-kaz fuq il-kumplamanet tal-kunsiderazzjonijiet legali u l-mertu tal-kaz.

**Ikkunsidrat**

**Il-kapacita' ta' l-espert fl-inkjesta**

Illi fid-difiza tieghu, l-imputat, itenni illi l-hatra ta' l-espert Dr. Mario Buttigieg li kien nominat f'kapacita teknika hija irregolari u li kemm legalment u fattwalment ma setax jisma x-xhieda relevanti tal kaz a bazi tal-fatt li bhala espert tekniku ma kellux il-fakulta li jiehu d-deposizzjonijiet ta' l-imputat jew ta' xhieda ohra.

Madankollu mill-istess digriet tal-Qorti Inkwirenti jirrizulta li

*"Illi hlief ghas-'Scene of the Crime Officer', l-esperti kollha ghandhom il-fakolta' li jisimghu bil-gurament ix-xhieda kollha rilevanti u opportuni ghall-esekuzzjoni tal-inkarigu taghhom. Illi l-persuni kollha nominati ghandhom jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha rilevanti u opportuni ghall-fini tal-inkarigu taghhom u ghandhom jirrelataw minghajr dewmien."*[12]

Illi l-artikolu 548 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*548.(1) Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal:*

*Iżda l-maġistrat jista', meta jidhirlu spedjenti, jagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u jisimgħu x-xhieda bil-ġurament u li jieħdu x-xiehda tagħhom bil-miktub u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 650(5) u tal-artikolu 653(3) għandhom japplikaw mutatis mutandis:*

[12] Folio 54 ta' l-atti processwali

*Iżda wkoll, l-"ingenere"għandu jiġi eżaminat biss minn persuni tal-professjoni kompetenti, kull meta hekk tkun titlob l-imġieba xierqa:*

L-artikolu 650(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*(5) Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li danikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan. Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament.*

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-hatra ta' l-espert Dr. Mario Buttigieg hija skond ir-rekwiziti tal-ligi u li l-istess espert kellu l-fakoltajiet kollha sabiex jisma x-xhieda kollha relatati ma' l-incident.

**Ikkunsidrat**

**Id-deposizzjoni ta' l-imputat**

Meta sehh l-incident, l-imputat kien wahdu, ghalkemm qabel ma sehh l-incident hu kien qieghed Paceville flimkien ma habib tieghu fejn ghamlu lejl jixorbu ghand hanut tax-xorb li jismu Mo Jo's. L-imputat ghazel li ma jixhidx fil-mori tal-kawza. Madankollu, fid-desposizzjoni tieghu mehuda mill-espert Dr. Mario Buttigieg assuma r-responsabilita kollha ta' l-incident wara li kien gie mahtur bhala espert tekniku permess ta' digriet ta' l-Onorabbli Qorti data 16 ta' Awissu 2014.[13]

[13] Folio 54 ta' l-atti processwali

Illi d-deposizzjoni ta' l-imputat ittiehdet mill-espert Dr. Mario Buttigieg wara li l-esponent kien wissa lil imputat bid-dritt tieghu moghti bil-ligi illi jista jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu *a priori* tal-investigazzjoni u wara li gie imwissi bid-dritt tieghu moghti bil-ligi illi kellu dritt li ma jwegibx ghall-domandi li setghu b'xi mod jinkriminawh u wara li gie moghti l-gurament ghazel li jaghti d-deposizzjoni tieghu.

Meta ittiehdet id-deposizzjoni tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul id-deposizzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit fuq bazi preliminari minn din il-Qorti jekk id-deposizzjoni in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat ta d-deposizzjoni tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-istess testimonjanza, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[14] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ta' d-deposizzjoni tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi fejn din il-lanjanza diga giet sorvolata mill-Qrati lokali taghna u tibda bil-kaz **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**[15]**, (**liema sentenza d-difiza ghamlet ukoll riferenza ghaliha fit-trattazzjonji finali taghha) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa

[14] Fit-28 ta' Novembru 2016

[15] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti u dan dejjem skond id-Direttiva 2013/48 ta' l-Unjoni Ewropea.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija jew deposizjoni. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[16] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[17] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa*

[16] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[17] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fis-sentenza **Graziella Attard vs Avukat Generali**[18] fejn il-Qorti rriteniet:

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[19]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[20]

[18] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali
[19] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[20] Folio 14 tas-sentenza

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

**Ir-Repubbblika ta' Malta vs Martino Aiello**[21] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[22]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[23]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[24] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat assolutament mhuiex ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija u iktar u iktar tenut kont ta' l-eta tenera tieghu meta sehh l-incident.

---

[21] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[22] Folio 25 tas-sentenza
[23] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[24] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

Maghdud ma dan kollu l-Qorti ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul id-diposizzjoni tieghu għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat.

Din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tad-deposizzjoni tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess diposizzjoni tieghu u ma tqisiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni**

Illi l-imputat tressaq talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gianluca Vassallo u dan bi ksur ta' artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Ann Gatt u Matthias Borg Bellucci u dan bi ksur ta' artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali jghid:

*226.(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*

*(a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzimsemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerijagħal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhuxiżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin eurou ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);*

*(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzimsemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerijagħal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhuxiżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro usebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);*

*(ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(ċ), il-proċediment jista' jittieħed biss fuq kwerela tal-parti offiża.*

Issa dak li trid tezamina din il-Qorti huwa jekk, bl-agir tieghu, l-imputat Samuel Mamo, huwiex responsabbli ghal nuqqas ta' hsieb ghal traskuragni jew ghal nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew ghal xi nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Mill-fatti kif jirrizultaw fil-kawza odjerna, jidher li, essenzjalment, il-partijiet qeghdin jaqblu dwar kif sehh l-istess incident.

Il-Qorti ghalhekk tistaqsi: l-imputat, fis-sewqan tieghu li wassal ghall-incident, kellu komportament negligenti, bla kont, bla hsieb jew sahansitra traskurat?

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Caruana**[25] il-Qorti tghid hekk:

*Jekk sewqan hux (1) negligenti; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perioluz. Biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness". "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali. Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hu veru li skond gurisprudenza aktar recenti, t-teorija ta' "res ipsa*

[25] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Joseph Galea Debono, 3 ta' April 2003

*loquitur" f'materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero', jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq. Gie ukoll ritenut li "ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll talkarozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll. .... Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'. Il-fatt li vettura tant tohrog mill-kontroll tal-konducent li tispicca kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u tahbat ma "oncoming car" hu l-epitome tas-sewqan hazin u zgur jinkwadra ruhu fil-kontest tas-sewqan perikoluz li bih gie akkuzat u nstab hati l-appellant.'*

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda ta' PS950 Alan Buhagiar irrizulta li x-xhud kien ghaddej mill-inhawi meta ntebah mal-kollizjoni li kienet ghada kif sehhet. Kien hejja rapport[26] ta' dak li gara u ghamel skitz ta' kif deher l-incident.[27]

L-Ispettur Luke Bonello stqarr fix-xhieda tieghu li meta mar fuq il-post in kwistjoni lemah tlett vetturi ta' certu Ann Gatt li kienet qeda ssuq Mini One bin-numru tar-registrazzjoni ANN 617, vetturi ohra misjuqa minn certu Gianluca Vassallo li kellha lil Matthias Borg Bellucci bhala passigier li kienet tal-ghamla Toyota Towance Van bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 005 u vettura ohra misjuqa mill-imputat li kienet Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni ROW 004. Is-sid ta' din il-vettura giet ikkonfermata mix-xhieda ta' Stephen Cachia li esebixxa l-provi dokumentarja.[28]

[26] Folio 9-21 ta' l-atti processwali
[27] Folio 31 ta' l-atti processwali
[28] Folio 276-279 ta' l-atti processwali

Il-vettura misjuqa mill-imputat kienet gejja mid-direzzjoni opposta u kienet hi li kkagunat il-kollizjoni u dahlet goz-zewg vetturi l-ohra. L-imputat li kien is-sewwieq tal-vetturi kien qed isuq il-karozza ta' ommu minghajr il-permess taghha u minghajr licenzja tas-sewqan. Dak il-lejl kien Paceville jiddeverti ma' shabu u kien ghadu kemm wassal wiehed mill-hbieb tieghu San Gwann u kien sejjer lura d-dar.

Wara li giet miftuha inkjesta magisterjali, l-espert Dr. Mario Buttigieg ikkonstata li l-vettura misjuqa minn Gianluca Vassallo kienet qeda tinstaq fil-karregjata tieghu. Mir-rapport[29] ta' l-espert irrizulta li wara Vassallo kien ghaddej ukoll serbut ta' vetturi fosthom il-vettura misjuqa minn Ann Gatt. Min-naha l-ohra l-imputat kien qed isuq mid-direzzjoni opposta. L-imputat dahal fil-vettura misjuqa minn Vassallo u sussegwentement il-vettura ta' Vassallo, bl-impatt, dahlet fil-vettura ta' Gatt. Kemm Vassallo u kemm Gatt kienu gejjin fi triqthom mid-direzzjoni opposta.

It-temp dakinhar kien tajjeb u car u l-visibilita' kienet tajba u t-triq kienet xotta.

Skond l-espert *"Mamo kien qieghed isuq b'velocita' wisq b'sahhitha."*[30] Dan gie ikkonstatat mill-espert billi kif gie sabiex idur mal-liwja, hu tilef il-kontroll u l-vettura baqghet sejra dritt. Il-vettura ta' Mamo l-ewwel habtet fis-centre strip u wara qasmet il-karregjata u baqghet dielha *head on* fil-vettura l-ohra ta' l-ghamla Toyota li kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

B'konsegwenza tal-habta l-vetturi gholew minn wara w infirdu u b'hekk il-vettura ta' Vassallo dahhlet fil-vettura ta' Gatt ukoll.

In konkluzjoni l-espert jerga ittenni:

[29] Dok MB1, Folio 56-108 ta' l-atti processwali
[30] Folio 81 ta' l-atti processwali

*"Illi mill-evidenza li thalliet fuq ix-xena tal-allegat incident irrizulta b'mod car li Mamo kien ghaddej b'sahhtu u dan jirrizulta mill-post impact u fejn spiccat il-vettura kemm ta' Vassallo w anki ta' Gatt.*

*Illi bil-velocita li kien ghaddej Samuel Mamo waqt li hu kien qed idur mal-liwja li hemm f'din it-triq Mamo ma setghax jikkontrolla l-vettura tieghu bil-konsegwenza li mar dritt ghall gol-karregjata l-ohra. B'tali konsegwenza l-vettura misjuqa minnu baqghet diehla fil-faccatta ta' Toyota li kienet gejja mid-direzzjoni opposta.*

*Illi gie stabbilit fuq il-post li l-ispot of impact kien fuq in-naha tal-lemin ta' triq u ossija meta t-Toyota kienet ghaddejja fuq il-karregjata taghha, l-istess vettura sabet lill-vettura misjuqa minn Vassallo fuq il-karregjata taghha. Meta Vassallo ra l-vettura gejja ghal fuqu hu ma kellux cans jibbrejka. Illi hareg manifestament car u anki mix-xhieda rrizulta li Samuel Mamo ma kellux licenzja tas-sewqan sabiex isuq il-vetturi."*[31]

Mill-pjanta[32] maghmula mill-perit espert Richard Aquilina jidher b'mod car kif it-tlett vetturi ittajru bl-impatt u kif il-vettura ta' l-imputat kienet fuq il-karreggjata opposta.

Fir-rapport ta' l-espert Joseph Zammit ikonstata li

*"ghal xi raguni mhux maghrufa l-Misubishi Pajero qasmet il-karreggata u baqghet diehla head on fuq il-Vann Toyota."*[33]

L-espert jikkonkludi li tlett sewwieqa fl-incident korrew u ttiehdu l-Isptar Mater Dei ghall-kura. Mill-ezamijiet li ghamel irrizulta li l-vettura ta' l-imputat habtet b'daqqa *"soda"*[34] mal-vann Toyota b'mod frontali bil-Pajero.

---

[31] Folio 81 ta' l-atti processwali
[32] Folio 144 ta' l-atti processwali
[33] Folio 164 ta' l-atti processwali
[34] Folio 154 ta' l-atti processwali

L-espert ikkonkluda li l-mertu tal-habta mhuwiex attribwit minhabba xi hsara fuq xi wahda mill-vetturi u li l-vettura tal-imputat ma kellhiex xi hsara qabel ssuccieda l-incident.

Mix-xhieda tal-vittma Ann Gatt tikkonferma li dak in-nhar kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni ANN 617 u kienet qed is-suq fuq it-tela' tal-by pass tal-Gharghur u f'salt rat karozza bajda ittir ghal fuq id-direzzjoni taghha tolqot il-karozza taghha minn quddiem. Illi kemm hi u l-karozza ta' quddiemha kienux mixjin bil-mod.

Bhala griehi l-vittma ggarbet *"bruising".* Tkompli tispjega li fir-rigward il-vettura ta' quddiemha, tant garbet hsara li s-sewwieq ma setax johrog mill-vettura u kellhom jaqtawh il-barra minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi mid-deposizzjonijiet li ttiehdu mill-espert Mario Buttigieg tal-vittmi u tax-xhieda l-ohra prezenti, skond huma jghidu li l-imputat ammetta mal-vittmi u max-xhieda l-ohra li kien tort tieghu. Fid-deposizzjoni ta' Cedric Salafia jirrizulta li sema lil Tony Grima u lil Patrick Borg Ballucci jistaqsu s-sewwieq ghalfejn kien qed issuq b'dak il-mod u sema lill-imputat jghid *"I am sorry, sorry it-tort tieghi."*[35] Mid-deposizzjoni ta' Patrick Borg Ballucci jghid li l-imputat mar fuqu u beda jghid *"It's my fault."*[36] Mid-deposizzjoni ta' Anthony Grima, jghid li l-imputat *"Deher ippanikjat u smajtu iktar minn darba jitlob skuza."*[37]

Ix-xhud Cedric Selafia wkoll ikkorobora l-fatt li l-imputat beda jitlob skuza.

*"Smajt lil Samuel jghid its my fault, it is my fault, dik xi haga li smajtha dak il-hin…"*[38]

[35] Folio 67 ta' l-atti processwali
[36] Folio 68 ta' l-atti processwali
[37] Folio 69 ta' l-atti processwali
[38] Folio 232 ta' l-atti processwali

Fix-xhieda ta' Anthony Grima irrizulta li x-xhud ra l-incident issehh u stqarr:

*"Mela konna tilghin bil-mod il-mod jigifieri konna tilghin it-tela u kif qbizna t-tieni roundabout wasalna fejn l-istage, nara l-Pajero, karozza rajtha dak il-hin.*

*Bajda kienet. Tikrossja t-triq u habtet b'impatt qawwi ma' l-van li kien qed isuq Gianluca..*

*Mela l-impatt sar fuq in-naha tax-xellug tat-triq.*

*Lejn is-salina u f'hin minnhom il-Pajero kkrossja t-triq*

*Qasam it-triq gie ghan naha l-ohra tat-triq u habat ma' l-van."*[39]

Ix-xhud jghid li jiftakar li kien hemm linja bajda wahda ghaddejja man-nofs tat-triq u ikalkula li l-imputat kien qieghed issuq bejn it-tmenin u l-mitt kilometru fis-siegha.

Ix-xhud qal li l-imputat kien hdejh u *"beda jghidli sorry, sorry, tort tieghi x'ghamilt b'idejja."*[40]

Mir-ritratti li gew esebiti minn PS1261 Charles Pace[41] wiehed jista' jara kemm id-dehra generali ta' l-impatt li sehh kif ukoll il-mod kif sar l-incident u l-hsara li ggarbu l-vetturi. Mir-ritratti l-vettur ta' l-imputat tidher fuq it-triq opposta tal-karregjata u b'kemm itajjret il-boghod il-Van li ntlaqtet. Illi r-ritratti li juru l-parti ta' gewwa tal-Van Toyota juri kif l-intern tal-Van fejn ipoggi s-sewwieq u x-xuffiera gie mhassar kollu.[42]

**Ikkunsidrat**

**Il-griehi sofferti**

[39] Folio 238-239 - 204 ta' l-atti processwali
[40] Folio 243 ta' l-atti processwali
[41] Folio 112-137 ta' l-atti processwali
[42] Folios 136-137 ta' l-atti processwali

Fil-mori ta' l-inkjesta gie nominat tabib espert, Dr. Mario Scerri, sabiex jaghmel ezaminijet medici fuq l-imputat, Anne Gatt, Matthias Borg Ballucci u Gianluca Vassallo.

Illi l-ezami medikolegali sehh dak in-nhar stess ta' l-incident fis-16 ta' Awwissu 2014. Illi minn ezami ta' Ann Gatt irrizulta li kienet orjentata ghal-lok, hin u persuna u l-ghonq taghha gie streppjat permezz ta' *hard collar.* Illi ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq ir-ras, fuq il-wicc jew madwar il-ghonq. Il-vittma Ann Gatt bdiet tilmenta minn ugiegh fuq sidirha u wara li ttiehdilha X-Ray irrizulta li ma kienx hemm lezjonijiet friski. Kellha dbengil fuq l-aspett anterjuri tal-id ix-xellugija li kien evidenza ta' *whiplash injury*.[43]

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku mahrug mill-isptar Mater Dei nhar is-16 ta' Awissu 2014 tal-vittma Anne Gatt mit-tabib Dr. Neville Borg Med Reg No: 5408 u li sussegwentement gie ikkonfermat meta ta x-xhieda viva voce l-qorti.[44] Illi dan ic-certifikat jikkonstata l-griehi ta' Anna Gatt bhala hfief, salv ghal-kumplikazzjonijiet.

Illi minn ezami ta' Matthias Borg Ballucci irrizulta li kellu lezjonijiet ta' natura hafifa li minnhom fieq.[45] Fix-xhieda ta' Borg Ballucci spjega kif kienu gejjin lura minn wara harga *camping* u bl-impatt l-appart kollu tar u gie ghal fuqu.

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku mahrug mill-isptar Mater Dei nhar is-16 ta' Awissu 2014 tal-vittma Matthias Borg Ballucci mit-tabib Dr. Elizabeth Cassar Med Reg No: 5571 u li sussegwentement gie ikkonfermat meta xehdet.[46] Illi dan ic-certifikat jikkonstata l-griehi ta' Matthias Borg Ballucci bhala hfief, salv ghal-kumplikazzjonijiet.

---

[43] Folio 9 tar-rapport esebit a folio 198 ta' l-atti processwali
[44] Folio 7, 326-327 ta' l-atti processwali
[45] Folio 24 mir-rapport esebit a folio 198 ta' l-atti processwali
[46] Folio 8, 253-256 ta' l-atti processwali

Illi minn ezami ta' Gianluca Vassallo irrizulta li dan kien orjentat ghal-lok, hin u persuna. Sofra diversi abrazjonijiet fuq partijiet ta' gismu. Kellu dbengil fuq l-*esigastric region* u partijiet ohra tal-gisem. Ezami ta' CT Scan irrizulta li ma kienx hemm lezjonijeit friski fil-mohh. Madankollu kien hemm evidenza ta' lacerazzjoni zghira fil-fwied u *adrenals*, fil-pulmun u fil-*pelvis "u dawn il-lezjonijiet huma lezjonjiet ta' natura gravi per durata u kompatibbli ma' blunt trauma."*[47] Fil-mument ta' l-incident intilef minn sensieh u kif spejga x-xhud Cedric Selafia, ghalkemm ippruvaw ikellmuh, il-vittma kien f'dak il-mument ta' l-impatt u wara mitluf minn sensieh.[48]

Illi dan gie wkoll ikorroborat mix-xhieda tat-tabib Dr. Michael Spiteri.[49]

Mix-xhieda tal-vittma stess irrizulta li ghamel tlett ijiem gewwa l-ITU fl-isptar Mater Dei, u imbaghad gimgha ohra gewwa *surgical ward* u sussegwentement mar *ward* ohra. Dahhal l-isptar fis-16 ta' Awissu 2014 u hareg mill-isptar fil-11 ta' Settembru 2014. Wara li hareg mill-isptar ghamel perjodu ta' disa' xhur jattendi bhala *out patient.*

Bhala konsegwenzi spjega li

*"certu affarijiet ha jibqghu hemm hekk permanenti bhal ezempju ghandi din in-naha fejn qlajt id-daqqa is-sieq telghet one centimeter bid-daqqa, telghet one centimeter 'il fuq, dik ha tibqa' permanenti.*

*…kont nimxi normali u gejt nimxi nzappap jigifieri u b'hekk ikolli naqra ugiegh f'dahri wkoll jigifieri ghax peress li inti ma tkunx stabbli ikollok ugiegh f'dahrek."*[50]

Wara l-incident zviluppa wkoll problema fin-nervituri ta' jdejh minhabba d-daqqa kbira li kien ha go dahru. Tlett gimghat wara l-incident zviluppa ugiegh

---

[47] Folio 24 tar-rapport esebit a folio 198 ta' l-atti processwali
[48] Folio 231 ta' l-atti processwali
[49] Folio 270-273 ta' l-atti processwali
[50] Folio 262 ta' l-atti processwali

kbir minn wara l-widna ghal idu kollha u gie ma jistax jicaqlaqha. Ghalkemm kien qed jaghmel progress din il-problema setghet tirrepeti ruhha maz-zmien.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assjem tal-provi migbura, ma jirrizultax kontestazzjoni dwar id-dinamika tal-incident. Il-Qorti qieset ix-xhieda kollha sabiex tezamina jekk l-incident sehhx minhabba li l-imputat tilifx il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba sewqan traskurat, negligenti b'nuqqas ta' hsieb jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Il-Qorti trid tezamina wkoll jekk, mill-banda l-ohra, l-imputat kellux il-kontroll tal-vettura misjuqa minnu u l-incident sehhx minhabba raguni accidentali u indipendenti mir-rieda tieghu.

Id-difiza ta' l-imputat ittenni li l-imputat sofra attakk ta' paniku u kien ghalhekk li sehh dan l-incident. Il-fatt li l-imputat kien minn zmien ghal zmien isoffri minn dawn l-attakki ta' paniku jirrizulta b'mod car fis-*social inquiry report*.

Madankollu, il-Qorti assolutament ma hijiex konvinta li din hija l-kagun ta' l-incident. Minn dak li gara dak il-lejl jirrizulta li l-imputat kien barra jiddeverti ma' habib tieghu u kienu sejrin id-dar wara lejl normali barra li fiha ma kien gara xejn partikolari jew li kienu fi stat ta' sokor jew taht l-effett ta' sustanza illecita. Imkien mill-prova ma irrizulta li kien hemm xi incident jew cirkostanza li poggiet lill-imputat f'dan is-stat ta' attakk ta' paniku qabel jew waqt l-incident. Jekk irrizulta attakk ta' paniku wara l-incident huwa certament realistiku in vista tal-konsegwenzi serji ta' l-incident u in fatti xhud minnhom, Anthony Grima, kien qal fid-deposizzjoni tieghu li l-imputat wara l-incident kien f'stat ta' paniku jiskuza ruhu ta' l-incident. Izda hawnhekk il-Qorti trid tezamina u tevalwa wkoll l-istat u l-komportamanet ta' l-imputat qabel u waqt il-kollizjoni.

Din il-Qorti tqis li f'dan il-incident in kwistjoni s-sewwieq kellu f'idu l-kontroll tal-vettura, kemm qabel kif ukoll waqt l-incident. Ma jirrizultax ipprovat li l-incident sehh minnhabba xi raguni accidentali u indipendenti mir-rieda tal-imputat. Oltre dan lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi fatturi esterni jew eccezzjonali li setghu ikkontribwew jew sahansitra kienu il-kagun ghal dan il-incident. Finalment il-Qorti tqis ukoll li mill-provi ma jirrizultax li l-vittmi ikkontribwixxew b'xi mod ghal dan il-incident. Ghall-kuntrarju, mhuwiex kontestat li l-imputat kien qed isuq il-karozza ta' ommu meta ma kienx kopert b'licenzja u kien ghadu biss tmintax il-sena meta sehh l-incident. Ghalhekk jittiehed in konsiderazzjoni wkoll li l-imputat ma kellux gharfien u taghlim tas-sewqan u konsegwentement ma kellux licenzja tas-sewqan. Minnha nfisha, din il-posizzjoni tal-imputat ukoll hija bizzejjed biex tirreka dik ir-responsabbilita' kriminali li jrid ir-reat tal-offiza involontarja – specjalment gjaladarba ma jirrizulta ebda fattur kontributorju ghall-istess incident.

L-imputat, minkejja li kien konxju li ma kellux licenzja tas-sewqan u li ta' l-eta' tenera tieghu ma kellux esperjenza tas-sewqan u tat-toroq ghazel li minn jeddu jiehu riskju kbir b'hajtu, b'hajjet il-passiggier tieghu u tal-vittmi f'dan il-kaz, li johrog issuq bil-karozza ta' ommu.

Minn dan l-aspett, din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u li, konsegwentement, l-imputat huwa responsabbli ghall-incident innifsu u ghall-offiza involontarja sofferta minn Gianluca Vassallo, Anna Gatt u Matthias Borg Bellucci.

Dwar il-gravita' tal-offiza fil-konfront ta' Gianluca Vassallo, din il-Qorti rat ix-xhieda tat-tobba u rat ukoll il-prova l-ohra kollha. Il-Qorti tqis li l-offiza sofferta mill-parte civile Gianluca Vassallo tikkonfigura fit-test tal-ligi skond l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali fis-sens li, mill-assjem tal-provi, tezisti evidenza inkonfutabbli u inkontestata li l-parte civile sofra debulizza permanenti fis-

sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, u li, minn dak li xehedu l-persuni medici hija ta' konsegwenza permanenti.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** tat-30 ta' Lulju 2004, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghallmet li *""Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Inoltre, u kif jinghad fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Camilleri[51]**,

*"iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba."*

Dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** fejn intqal illi:-

*"… **ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.*

[51] Deciza fil-25 ta' Gunju 2020

Issa f'dan il-kaz, din il-Qorti tqis li mill-fatti jemergi li l-parte civile *verament* sofra offiza ta' natura gravissima skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, u f'kull kaz, il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghalxiex tiddipartixxi minn dak li jghidu n-nies teknici fir-rigward tal-istess.

Konsegwentement, din il-Qorti tqis li l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet gew soddisfacjentement ipprovata sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex issib htija fil-konfront tal-imputat b'dana li r-reat kien wiehed involontarju a tenur tal-artikolu 226 (1) (a) u (c) tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba' imputazzjoni**

L-imputat tressaq tali involontarjament ghamel hsara fuq il-vettura ta' Anna Gatt bin-numru ta' registrazzjoni ANN 617 ta' l-ghamla Mini u fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni HQZ-005 ta' l-ghamla Toyota ghad-detriment ta' Patrick Xuereb u dan bi ksur ta' l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:*

*Iżda fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), ħlief meta l-ħsara tkun kaġunata fi proprjetà pubblika, ħlief vettura bil-mutur,jistgħu jittieħdu proċedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiża:*

Illi għall-istess  ragunijiet ġja' mfissra aktar qabel fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li kien l-imputat li kkawża l-ħsara fil-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni ANN-617 u HQZ-005..

Illi fir-rapport ta' l-espert Perit Richard Aquilina ikonstata l-ħsara li ġġarbu t-tlett vetturi involuti fil-kolluzjoni.

Illi skont ir-rapport tal-perit, il-van ta' l-għamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni HQZ-005 tant soffriet ħsara estensiva li ma kienx valapena li tiġi rrangata u għalhekk għandha titqies bħala *beyond economical repair*.[52]

Il-Qorti tosserva li fir-rigward din il-vettura ma tressqitx prova li l-ħsara sar għad-detriment ta' Patrick Xuereb jew identifikat xi sid jew persuna oħra il ġarrab id-detriment bħala konsegwenza ta' din il-ħsara.  Madankollu l-Qorti tqis li r-rekwiżiti tal-liġi ġew sodisfatti u r-reat ġie ppruvat skond id-dettami tal-liġi.

Fir-rigward il-vettura ta' Ann Gatt, l-espert ikonstata li din ġarbet ħsara fl-ammont ta' elfejn Euro skond l-istess rapport.

Il-karrozza tagħha bil-ħsara li ġarrbet spiċċat *"write off"*[53] u għalkemm kienet koperta min-naħa tal-polza ta' assikurazzjoni xorta kellha *depreciation* tal-valur u tilfet sena għaliex il-vettura kienet ilha għandha daqshekk.

Konsegwentement din il-Qorti tqis li r-reat jissussisti fir-rigward taż-żewġ vetturi.

**Ikkunsidrat**

**Il-ħames imputazzjoni**

---

[52] Folio 159, 161-162 ta' l-atti processwali
[53] Folio 205 ta' l-atti processwali

L-imputat tressaq talli fl-istess incident in kwistjoni l-imputat kien qed isuq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u dan bi ksur ta' artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jewikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuqminħabba xorb jew drogi.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiexf'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għalxi ħin imnaqqsa.*

Illi l-pulizija fil-provi mressqa minnha, u nonostante l-investigazzjoni li ghamlet, ma ressqet ebda prova li jippruvaw li l-imputat kien taht influwenza ta' xorb f'limiti barra minn dawk permessi mil-ligi jew tad-droga.

Lanqas ma jirrizulta mill-provi li ttiehdu xi testijiet jew ezamijiet ghax-xorb fin-nifs jew ghad-droga fid-demm jew fl-urina.

Ghaldaqstant din il-Qorti tara u tqis li din il-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi u ser tghaddi sabiex tillibera l-imputat minnha.

**Ikkunsidrat**

**Is-sitt imputazzjoni**

L-imputat tressaq tali saq il-vettua ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero, li kienet ta' ommu Romina Mamo minghajr il-kunsens taghha u dan bi ksur ta' l-artikolu 40 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 40 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Ebda persuna awtorizzata mis-sid ta' vettura li ssuq dik il-vettura ma għandha, ħlief f'każ ta' bżonn, tħalli lil ħaddieħor isuq dik il-vettura, mingħajr il-kunsens tas-sid*

*tagħha, u ħadd ma jista', ħlief f'każ ta' bżonn, isuq vettura, mingħajr il-kunsens tas-sid ta'dik il-vettura.*

Mix-xhieda ta' Romina Mamo[54] li tigi omm l-imputat, ikkonfermat li l-vettura involuta fl-incident kienet taghha bin-numru tar-registrazzjoni ROW 004. Fid-data ta' l-incident l-polza ta' assikurazzjoni kient registrata bhala *third party only.*[55] Bhala sewwieqa permissibli kienet tisejjah lilha biss u hi biss kienet awtorizzata li ssuqha.

Dakinhar ta' l-incident, ix-xhud ma tatx permess lil binha biex johrog bil-karozza u hasbet li kien id-dar jilghab fuq il-*play station*. Kien biss wara li rceviet it-telefonata minghandu jibki li saret taf li ma kienx id-dar u gara l-incident.

Il-Qorti tqis ix-xhieda ta' Rowena Mamo bhala pjuttost inkredibbli – ossija li omm dan il-guvnott, ma kinitx taf li binha kien ilu barra d-dar taghha ghal xi sighat, u li hasbet merament li binha kien id-dar (f'xi kamra ohra) jilghab bil-*playstation*.

Madankollu, id-difiza tirrileva li l-imputazzjoni in kwistjoni hija wahda kontravvenzjonali, u konsegwentement, hija preskritta.

L-imputazzjoni hija dik taht l-artikolu 40 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. B'xi eccezzjonijiet, l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku jikkontempla ghadd ta' kontravvenzjonijiet (sakemm il-ligi espressament ma tispecifikax mod iehor).

Effettivament, ma hemm xejn x'jindika li din id-disposizzjoni tikkomprendi delitt. Ghall-kuntrarju, jidher li din hija wkoll kontravvenzjoni bhal hafna ohra taht din l-Ordinanza, u r-regolamenti mahluqa bis-sahha ta' l-istess.

---

[54] Folio 227-233 ta' l-atti processwali

[55] Folio 247 ta' l-atti processwali

Id-difiza ssostni li ghalhekk, il-perjodu preskrittiv huwa trimestrali, liema perjodu kien gja' ddekorra fid-data tan-notifika tal-imputat. Peress li dan il-fatt jirrizulta kkoroborat mill-atti tal-kawza, il-Qorti tqis l-imputazzjoni preskritta, u konsegwentement sejra tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet**

L-imputat tressaq tali dak in-nhar ta' l-incident saq il-vettura ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero minghajr licenza tas-sewqan, kif ukoll b'manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*15. (1) Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle … ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.*

Illi l-prosekuzzjoni qasmet din il-imputazzjoni f'zewg imputazzjonijiet separati.

Illi fir-rigward is-seba' imputazzjoni mill-provi prodotti, l-prosekuzzjoni ma ressqitx prova li l-imputat ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan u

ghaldaqstant din il-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex tilliberah minnha.

Illi fir-rigward it-tmien imputazzjoni, a skans ta' ripetizzjoni inutli, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet diga msemmija hawn fuq fis-sentenza u sejra tghaddi sabiex issibu hati tat-tmien imputazzjoni.

Ghall-finijiet ta' konsiderazzjoni ta' piena l-Qorti tara li fiz-zmien tal-akkadut, ir-reat taht l-artikolu 15(1)(a) kien jikkomprendi multa ta' mhux aktar minn €232.94 jew prigunerija ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur (u mhux multa ta' €1,200 jew prigunerija ta' mhux aktar minn sena kif inhi llum).

Madankollu, anke dak iz-zmien (ossija f'Awissu 2014) – qabel l-introduzzjoni tal- Att XIV tal-2017, il-ligi kienet timponi sospensjoni tal-licenzja tal-hati b'perjodu ta' mhux anqas minn tmint ijiem – izda – (dak iz-zmien) fuq talba tal-prosekuzzjoni. Mill-atti processwali, jirrizulta li l-prosekuzzjoni talbet ghal din l-iskwalifika espressament fit-tahrika mibghuta lill-imputat.

**Ikkunsidrat**

**Id-disa' imputazzjoni**

L-imputat tressaq tali dak in-nhar ta' l-incident ghamel uzu mill-istess vettura ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero, bin-numru tar-registrazzjoni ROW-004 meta ma kienetx issehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx*

*isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont iddisposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza*

*(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).*

*(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati - (a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u lpriġunerija flimkien; …*

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Gjaladarba l-prova tas-sewqan tissussisti u gjaladarba l-imputat ma ressaq ebda prova biex juri li huwa kien b'xi mod kopert b'polza ta' assikurazzjoni valida skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, anke fir-rigward ta' dan ir-reat, l-imputat ghandu jinstab hati.

Fost ohrajn, din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grech** (deciza fit-28 ta' Gunju 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima) fejn il-Qorti ddecidiet hekk:

*L-appellanti imbaghad iressaq aggravju marbut mas-sejbien ta; htija gharreat mahsub fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Jishaq illi gjaldarba gie ippruvat illi l-vettura ta' l-appellanti kienet licenzjata sabiex tinsaq fit-triq allura certament li kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni billi altrimenti il-licenzja ma kenitx tigedded. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina il-linja ta' argumentazzjoni billi ma ifissirx illi ghalkemm tkun inharrget polza ta' assigurazzjoni fuq vettura, is-sewwieq ta'l-istess*

*ikun necessarjament kopert bl-istess. Illi di piu' il-ligi fl-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jitfa' l-oneru tal-prova fuq il-persuna akkuzata sabiex turi li kienet tezisti tali polza ta' l-assigurazzjoni, haga li l-appellanti jonqos milli jipprova.*

*"Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt issubartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)."*

*L-ebda certifikat ta' assigurazzjoni ma hu esebiet in atti u ghalhekk mankanti dina l-prova ewlenija dan l-aggravvju ukoll qed jigi michud.*

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li dan ir-reat gie ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi.

Illi din il-kawza ilha l-fuq minn sitt snin minn meta grat. Il-maggior parti ta' dan id-dewmien huwa minhabba l-fatt li l-prosekuzzjoni damu il-fuq minn hames snin biex jalqu l-kaz taghhom. Ir-ragunijiet principali ghal-dan id-dewmien eccessiv kien minhabba tibdil fl-ufficjal prosekutur li kkagunaw dewmien amministrativ ta' sena minn naha tal-pulizija sakemm din il-kawza giet assenjata lil ufficjal prosekutur iehor u li l-imputat kien siefer fit-tul ghal perjodu ta' sena.

Il-difiza fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2020 kienet talbet li jigi mhejji *Social Inquiry Report*.[56] F'dan ir-rigward kienet xehdet l-ufficjal tal-probation Sharlet Fabri u esebit Dok SF1.[57]

Mir-rapport irrizulta li l-vittma Gianluca Vassallo kellu kawza civili fil-konfront ta' l-imputat u li din diga giet deciza u kumpensat mill-kumpanija tal-assikurazzjoni u ghaldaqstant m'ghandux interess ulterjuri f'dan il-kaz[58]. Il-vittma Ann Gatt stqarret ukoll li ma ghadx kien fadlila interess fil-kaz, filwaqt li l-vittma Matthias Borg Ballucci ghazel li ma jikkumentax dwar il-kaz odjern.[59]

Mill-istess rapport ma jirrizulta xejn fir-rigward ta' l-imputat f'dak li jikkoncerna vizzji jew problemi li spiccaw il-Qorti. Anzi ghal-kuntrarju, apparti din il-kawza jirrizulta li l-imputat jghix hajja normali mat-tfajla tieghu, iddur b'ommu li mardet serjament, jindirizza d-difikulta' ta' ansjeta li kultant tahkmu u li bhal kull hadd iehor jaffacja kemm it-tajjeb u l-hazin fil-hajja minghajr ma jidhol f'inkwiet zejjed hu.

Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat li tirrizulta netta.[60]

Il-Qorti qieset ukoll li dan l-incident sehh meta l-imputat kien ghadu ta' eta' tenera u filwaqt li wiehed jista jikkunsidra certu nuqqas ta' zvilupp ta' maturita u tendenza ta' inqas inibizzjoni milli tiehu certu riksji ma jistax jigi injorat li dan il-kaz iggor mieghu responsabilita. Illi b'azzjoni ta' l-imputat wegghu n-nies u minkejja li dikjaraw il illum ma ghadx ghandhom interess, fil-mori ta' l-incident kellhom hafna piz fuqhom minhabba l-imputat. Il-fatt li dawn il-vittmi gew involuti intortament fl-incident ukoll jimarkhom ghal hajjithom. Il-fatti li soffrew griehi, uhud iktar serji minn ohrajn, soffrew hsarat lil vetturi taghhom, uhud anke *total loss,* il-fatt li kellhom jirikorri ghal proceduri civili, jakkwistaw

[56] Folio 333 ta' l-atti processwali
[57] Folio 360-373 ta' l-atti processwali
[58] Dan huwa wkoll ikkonfermat mid-dokument CM1, Folio 375-377 ta' l-atti processwali
[59] Folio 363 ta' l-atti processwali
[60] Folio 6 ta' l-atti processwali

vetturi godda, jitilghu jixhdu f'dawn il-proceduri u t-trawmi li jibqalhom qatt ma jistghu jigu injorati u minsija iktar u iktar meta dan kollu seta jigi facilment evitat.

Min-naha l-ohra, il-Qorti tqis ukoll li wara dan iz-zball ta' darba, l-imputat ghamel dak kollu li seta' sabiex jikumpensa lill-vittmi li irnexxielhom jirkuprawhom sahhithom minghajr kumplikazzjonijiet, xorta baqa jibni hajtu, tant li illum huwa responsabbli ghal-kura ta' ommu u qatt ma rega dahhal f'inkwiet fil-Qorti. Jidher li illum minn guvni sar ragel matur li qed jimxi man-normi u regoli tas-socjeta u huwa dispjacut ta' dak li gara.

Ghaldaqstant mehuda dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti tqis li ebda piena karceraja effettiva ma tista sservi l-iskop taghha f'dan l-istadju u li l-Qorti xorta wahda tista timponi piena idonea u effettiva li jzomm il-bilanc bejn dak li titlob il-ligi u dak li jipprovi garanziji lis-socjeta.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216, 218, 226(1)(a), 226(1)(c), 328(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 15A, 15(1)(a) u 40, tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104, issib lil Samuel Mamo

**Mhux hati** tal-hames u tas-seba' imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena;

**Mhux hati** tas-sitt imputazzjoni in kwantu tirrizulta preskritta**;** izda ssibu

**Hati** ta' l-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tat-tmien u tad-disa' imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' erba' telef Euro

(€4,000) ghar-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, u multa ta' elfejn u sitt mitt Euro (€2,600) fir-rigward tar-raba', tat-tmien u d-disa' imputazzjoni, li b'hekk l-imputat ghandu ihallas multa kumplessiva ta' sitt elef u sitt mitt Euro **(€6,600).**

Il-Qorti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ukoll tiskwalifika l-imputat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' **tnax (12)-il xahar** millum.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Samuel Mamo ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' elfejn, mitejn u erba u hamsin Euro u tnejn u tlettin centezmu **(€2,254.32)** u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Mario Buttigieg fl-ammont ta' €827.17.[61]
2. Spejjez tar-rapport ta' l-espert PS1261 Charles Pace fl-ammont ta' €141.36[62]
3. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Perit Richard Aquilina fl-ammont ta' €304.06[63]
4. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Joseph Zammit fl-ammont ta' €658.09[64]

[61] Folio 84 ta' l-atti processwali
[62] Folio 115 ta' l-atti processwali
[63] Folio 143 ta' l-atti processwali
[64] Folio 169 ta' l-atti processwali

5. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €323.10[65]

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar it-18 ta' Jannar 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

[65] Folio 198 ta' l-atti processwali